MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 70

Il-Ħamis, 13 ta' Ġunju, 2024

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fis-sala tal-laqgħat fl-uffiċċji amminstrattivi tal-Kunsill Lokali fid-08:30.

**PREŻENTI:**

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 70.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

70.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa nr. 69.

70.1.2 Is-Sindku ressaq xi korrezzjonijiet fl-aħħar tal-paragrafu 69 li jaqraw hekk "Il-Kunsill qabel li dan il-ftehim jibqa miexi sabiex eventwalment iż-żewġ komunitajiet jersqu jrib xulxin permezz ta' ġemelaġġ fil-futur".

70.1.3 Il-minuti tal-laqgħa nr. 69 ġew approvati.

## 70.2 Approvazzjoni tal-Management Reply 2023;

70.2.1 Is-SE ressqet il-Management reply 2023 kif ppreparata mill-accountant tal-Kunsill, ġew diskussi u wara dawn ġew approvati.

## 70.3 Tender – Supplies – Tender for the Supply and Installation of Astronomical Equipment at San Lawrenz;

70.3.1 Is-Sindku qal li għandna ngħaddu l-opening report ta' dan it-tender u jekk ikun financially u technically approved mill-bord, imexxu fuqu. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 70.4.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

70.4.1 Il-laqgħa intemmet fl-09:00 u sar qbil li l-laqġħa li jmiss issir nhar il-Ħamis, 13 ta' Ġunju 2024 fl-09:00.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 69

It-Tnejn, 27 ta' Mejju, 2024

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fis-sala tal-laqgħat fl-uffiċċji amminstrattivi tal-Kunsill Lokali fid-08:30.

**PREŻENTI:**

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 69.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

69.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa nr. 65.

69.1.2 Is-Sindku qal li se jressaq xi korrezzjonijiet.

## 69.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

69.2.1 Is-Sindku informa li fl-aħħar inċident li sfortunatament miet għaddas fid-Dwejra, intużat id-defribillator u din ittieħdet mill-Pulizija. Is-Sindku propona li ngħidu lill-Malta Rescue Corps li kienu installawa sabiex teħlet f'postha. Il-Kunsill qabel unanimament.

69.2.2 Is-Sindku qal li din hija l-aħħar laqgħha ta' din l-leġiżlatura u irringrazzja lill-Kunsill u l-istaff tal-koperazzjoni li sab f'dawn l-aħħar snin. Is-Sindku irringrazzja lill-kunsillier Joseph Cauchi li għażel li ma jerġax jikkontesta u awgura lill-sħabu fl-elezzjoni li jmiss.

69.2.3 Is-SE ippreżentat il-claim tal-Kultura fejn il-Kunsill ingħata s-somma totali ta' €10,000, u hi se tippreżenta r-rapport bin-nefqa totali ta' € 10,028.72. Il-Kunsill qabel unanimament.

69.2.4 Is-SE infurmat li hi bħala rappreżentant tal-Kunsill, ġiet imħarrka sabiex tidher il-qorti mal-avukat fi 16 ta' Mejju rigward il-hawkers fid-Dwejra. Is-SE qalet ukoll li l-Kunsill reġa iċieva taħrikiet oħra għall-Lulju li jmiss.

69.2.5 Is-SE ippreżentat l-excel sheet skont il-mistoqsijiet li talab għalihom il-Kunsill rigward l-iskemi u dawn ġew diskussi.

69.2.6 Is-SE qalet li tal-CWS bagħtu sabiex nimlew performance report għall-ħaddiema tal-ewwel kwart. Il-Kunsill qabel unanimament li nagħtu l-massimu.

69.2.7 Is-SE qalet li irċiveja email mingħand id-DG fejn talab jekk hemm areas ta' campers f'San Lawrenz. Il-Kunsill qabel unanimament li m'hemmx post f'San Lawrenz għalihom speċjalment fid-Dwejra fejn hi area kollha privata u sit Natura 2000.

69.2.8 Is-SE qalet li irċivejna email mingħand l-Ing. Cordina li installa l-generator fid-Dwejra fejn qal li hemm nuqqasijiet li rridu narawhom bħala Kunsill mal-electrician tagħna. Is-SE qalet li diga bagħtet lil Daniel Micallef sabiex isewwi l-ħsara.

69.2.9 Is-SE qalet li irċivejna email mingħand resident fi blokka fejn qed jgħid li fl-istess blokka se jgħollu iktar sulari l-fuq li jimxi kontra l-policies. Il-Kunsill qabel unanimament li nibgħatu lill-Perit sabiex jara fuq din ir-rikjesta, u jekk hu minnhu, nibgħatu objection letter bħala Kunsill.

## 69.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

69.3.1 Il-kunsillier Carmela Grima saqsiet rigward bozza fl-isaqaq tal-Imnadar. Is-SE qalet li se tiċċekja fuqha.

69.3.2 Il-viċi sindku Anthony Formosa fakkar fit-tabelli tad-Dwejra għax dawn għadhom ma ġewx installati. Hu qal li diġa kien hemm min żelaq u weġġa f'dawn l-inħawi. Is-SE qalet li se terġa tibgħatilhom reminder.

69.3.3 Il-kunsillier Carmela Grima saqsiet jekk fi Triq Wied il-Merilll għandiex servizz ta' knis għax qed ikun hemm il-ħmieġ.

69.3.4 Il-kunsillier Carmela Grima saqsiet għalfejn it-toilets fid-Dwejra għadhom jitbattlu fil-għodu fejn ikun hemm diġa turisti preżenti.

## 69.4 Bdil tal-Firmatorju tal-Bank;

69.4.1 Is-SE qalet li l-bank qed jitlob għal-bdil tal-firmatorju tal-bank fejn qed jitlobu l-minuti fejn qed jikkonferma lis-SE, Sarah Formosa bħala l-firmatorju ġdid tal-bank.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 69.5 Ftehim mal-Lubin;

69.5.1 Is-Sindku qal li hu kien Lubin fejn is-Sindku t'hemm infurmah li qed japplikaw sabiex ikunu Cultural City tal-EU 2029. Is-Sindku kif kien informa lill-Kunsill xi żmien ilu, ippreżenta dikjarazzjoni ta' ftehim mas-Sindku ta' Lubin. Il-Kunsill qabel li dan il-ftehim jibqa miexi sabiex eventwalment iż-żewġ komunitajiet jersqu jrib xulxin permezz ta' ġemelaġġ fil-futur.

## 69.6 L-attivita' ta' Lulju – Colle Umberto – Balme de Sillangy;

69.6.1 Is-Sindku qal li qed isiru l-preparamenti sabiex naħsbu għal-mawra f'Colle Umberto f'Lulju. Is-Sindku informa li hu qata t-tickets tal-ajruplan. Is-SE talbet ir-rapport ta' spejjeż kollha li ser ikun hemm f'din il-mawra, għaliex s'issa kemm se jinġabru mingħand in-nies biss għandha, pero dawn id-deposits għadhom anqas inġabru.

Wara diskussjoni sar qbil li l-istaff u l-kunsilliera imorru b'xejn eskluż bagalji extra li jridu jġibu u r-residenti ser iħallsu l-flights, akkomodazzjoni f'Colle Umberto, spejjeż fi Franza inkluż l-akkomodazzjoni u trasport.

Is-Sindku qal ukoll li kellu invit sabiex imorru niċċelebraw l-anniversarju tal-40 sena tal-Balme de Sillangy.

## 69.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

69.7.1 Il-Kunsillier Gorg Camilleri qal li hu qatt m'hu se jaqbel mal-pagament tal-kuntrattur għal-ftuħ taċ-Ċentru tad-Dwejra, għax huma spejjeż żejda għall-Kunsill.

69.7.2 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti u ġiet iffirmata l-iskeda ta' pagamenti.

## 69.8.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

69.8.1 Il-laqgħa intemmet fl-10:15 u sar qbil li l-laqġħa li jmiss issir nhar il-Ħamis, 13 ta' Ġunju 2024 fl-08:30.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 71

Il-Ħamis, 13 ta' Ġunju, 2024

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fis-sala tal-laqgħat fl-uffiċċji amminstrattivi tal-Kunsill Lokali fid-09:00.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 71.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

71.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa nr. 70.

71.1.2 Il-minuti tal-laqgħa nr. 70 ġew approvati.

## 71.2.1 Tmiem tal-laqgħa.

71.2.1 Il-laqgħa intemmet fl-09:15.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv